# IL-MELLIEHA U S-SANTWARJU FI ŻMIEN IL-FRANĊIŻI

Il-gżejjer Maltin, minħabba l-qagħda tagħhom f'nofs il-baħar Mediterran raw bosta pajjiżi barranin jaħkmuhom, min għal mijiet ta' snin, min għal ftit snin. Kważi mitejn sena ilu pajjiżna sab ruħu, bla ma jaf kif, taħt ħakma Franċiża li ma damitx ħlief ftit żmien ta' sentejn. Imma f'dawk il-ftit xhur li bdew f'Ġunju tal-1798 u ntemmu f'Settembru tal-1800, il-gżejjer Maltin raw ħafna taqlib, ġlied, gwerer u ġrajjiet strambi.

L-inħawi tal-Mellieħa, bit-ftit irziezet 'l hawn u 'l hinn ta' dawk iż-żmien jissemew ukoll fi tlett episodji li forsi ftit nies jafu bihom. Nibdew bl-ewwel ġrajja.

Napuljun Bonaparti b'armata qawwija ta' bosta eluf suldati Franċiżi huma u sejrin biex jinvadu l-Eġittu, waqfu Malta nhar l-10 ta' Ġunju 1798 u wara jumejn rebħu pajjiżna u keċċew l-Ordni ta' San Ġwann minn Malta. Bonaparti ordna parti kbira mill-armata tiegħu tinvadi l-gżejjer Maltin fl-istess ħin f'erba naħat differenti biex joħnoq kull resistenza fl-iqsar ħin. Ġemgħa suldati Franċiżi niżlu l-art l-inħawi ta' Marsaxlokk; ġemgħa oħra minn ħdejn San Ġiljan sa kważi San Pawl il-Baħar; grupp ieħor invada Għawdex; r-raba grupp, taħt it-tmexxija tal-General Baraguey d'Hilliers niżlu l-art mill-inħawi ta' San Pawl il-Baħar sal-Mellieħa u fi ftit ħin xejjnu l-ftit Maltin u rebħu t-trunċieri bil-kanuni ta' madwar il-baħar, (ix-Xemxija, l-Aħrax, il-Mistra, Torri l-Abjad, Torri l-Aħmar). Dan ġara nhar il-Ħadd, 10 ta' Ġunju 1798, fil-għodu. Il-Franċiżi ħadu l-armi li nstabu f'idejn il-ftit suldati u raħħala Maltin li kienu jiddefendu dawk l-inħawi u bagħtuhom lura lejn djarhom. Kienet invażjoni u rebħa ħafifa u, skond ir-rapport tal-ġeneral Franċiż, Malti wieħed biss safa maqtul.

Jingħad, skond it-tradizzjoni, li xi suldati Franċiżi kienu daħlu fis-Santwarju tal-Madonna u serqu affarijiet prezzjużi minn hemm. Jista jkun li ġara hekk, kif dejjem jiġri f'kull gwerra, imma jien ma sibt l-ebda dokument li jikkonferma dan l-għidut. Wara r-rebħa ta' Malta Bonaparti ħa miegħu mijiet ta' suldati u baħrin Maltin biex iservu bilfors fl-armata u fuq il-bastimenti Franċiżi għall-invazzjoni ta' l-Eġittu. L-Amirall Decres jgħid li n-numru kien xi 800 ruħ; awturi Maltin ta' dak iż-żmien isemmu numru wisq ikbar, kważi 2,000. Kien x'kien in-numru eżatt ta' rġiel u żgħażagħ Maltin li sabu ruħhom, kontra qalbhom, mal-qawwiet Franċiżi, żgur li tluq tagħhom minn Malta inħass sewwa meta tqis li l-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin, tfal, nisa u rġiel kienet tlaħħaq biss għal 80 elf ruħ. Dawk il-mijiet ta' msejkna Maltin tista' tgħid li kollha tilfu ħajjithom fl-Eġittu. Ftit nafu bdawk li baqgħu ħajjin u ġew lura f'art twelidhom.

Wieħed minn dawk il-ftit ixxurtjati kien ċertu Mikiel Tabone, li l-ġrajja tiegħu insibuha miktuba f'wieħed mill-kwadri b'wegħda li hemm fis-Santwarju.

Meta Bonaparti u l-armata Franċiża waslu l-Eġittu f'Lulju 1798 malajr rebħu Lixandra u waslu sal-Kajr. Hemmhekk rebħu l-armata tal-mameluki jew kapijiet tal-Eġittu f'battalja qalila. Dawk il-mameluki li ħarbu marru fin-nofs inhar ta' l-Eġittu biex ikomplu r-reżistenza minn hemm, b'parti kbira tal-armata Franċiża tipprova tilħaqhom. Il-bqija tal-Franċiżi, taħt it-tmexxija ta' Bonaparti invadew fejn illum hemm Israel u l-Lebanon imma mbagħad kellhom jerġgħu lura lejn l-Eġittu. Fl-Eġittu kien baqgħa ġemgħa ta' suldati Franċiżi jgħassu inħawi u bliet importanti bħal Lixandra, Rosette, etc.

Darba minnhom fit-30 t'Awissu 1799, mitt suldat Franċiż u Malti li fosthom kien hemm, il-Malti Mikiel Tabone waqt li kienu għaddejjin mid-deżert viċin Lixandra sfaw attakkati minn aktar minn elf arbi suldati u kavallerija. It-taqtigħa damet sejra il-jum kollu sakemm il-Maltin u l-Franċiżi irnexxilhom isalvaw ħajjithom u jilħqu l-kenn. Tabone kien għamel wegħda mal-Madonna tal-Mellieħa biex issalvah u l-wegħda qalagħha.
Il-Kwadru ta' din il-wegħda għandu importanza storika għax juri l-uniformijiet u l-armamenti li kellhom in-nies li ħadu sehem f'dik it-taqtigħa.

It-tielet ġrajja marbuta mal-Mellieħa hija stramba u traġika.
Fit-2 ta' Settembru, 1798, il-Maltin tal-irħula qamu kontra l-qawwiet militari Franċiżi li Bonaparti kien ħalla f'Malta qabel telaq lejn l-Eġittu. F'inqas minn 4 ijiem il-Franċiżi abbandunaw il-kampanja kollha u daħlu jistkennu wara s-swar ta' madwar il-Port il-Kbir. Għawdex ukoll kien qam kontra il-Franċiżi u l-ftit suldati Franċiżi li kien hemm fiċ-Ċitadella ċedew xahar wara. F'Għawdex il-kmandant 'De facto" tal-gżira kien l-arċipriet Saverju Cassar.

Nofs il-popolazzjoni ta' Malta (xi 40,000) ruħ) dak iż-żmien kienet tgħix madwar il-Port il-Kbir (jiġifieri fil-Belt, il-Furjana, L-Isla, Bormla u l-Birgu). Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar beda

jinħass il-ġuħ f'dawk l-inħawi assedjati mill-Maltin ta' l-irħula u dawk li ġew jgħinuhom (Ingliżi, Portugiżi u Sqallin). Mill-ibliet bdew ħerġin mijiet ta' "refuġjati"
biex imorru jgħixu fil-kampanja. Il-kapijiet tal-Maltin indunaw jew bdew jissuspetaw li fost dawk ir-refuġjati kien hemm spiji Franċiżi jew partitarji Franċiżi. Għalhekk ordnaw li min Frar 1799 'l quddiem kull Malti li joħroġ fil-kampanja u jkollu inqas minn 60 sena ikollu jmur jgħix bilfors f'Għawdex sakemm ma jsirx magħruf sewwa li hu patrijott Malti. Minbarra dawn, Għawdex sar ukoll il-port ta' l-eżilju għal dawk kollha li kienu jinstabu ħatja ta' serq, ġlied jew offiżi kriminali oħra f'Malta.

Naturalment l-arċipriet Cassar u l-Għawdxin ma ħadux gost b'din il-kwalità ta' "turisti" li min naħa tagħhom kienu dejjem jaraw kif se jmorru lura f'Malta. Għalhekk bdiet speċi ta' emigrazzjoni illegali minn Għawdex għal Malta bil-kunsens u aktarx ukoll bl-għajnuna tal-arċipriet Cassar. Kien kollox isir bil-moħbi, x'aktarx fid-dlam tal-lejl, bid-dgħajjes għawdxin iwasslu l-"passiġġieri" tagħhom fl-ewwel art, jiġifieri l-Marfa u l-inħawi viċin tal-Mellieħa. Min jaf kienx hemm xi uħud li raddu ħajr lill-Madonna tas-Santwarju talli mexxilhom jaslu bis-sliem f'Malta!

Dawn il-vjaġġi illegali ma setgħux jibqgħu jiġu tolerati mill-awtoritajiet f'Malta u l-arċipriet Cassar bosta drabi ġie mwissi u anke mhedded biex iwaqqaf dak l-abbuż. Imma fl-intervall l-għadu Franċiż ġewwa l-ibliet assedjati kien wasal biex imut bil-ġuħ u fl-aħħar, fil-5 ta' Settembru, 1800 ċeda u telaq minn Malta.

Illum, meta nħarsu minn ħdejn is-Santwarju tal-Madonna lejn dik ix-xena sabiħa tal-Mellieħa, b'Għawdex fil-bogħod ejjew niftakru fl-invazzjoni ta' dawk l-inħawi mill-għadu Franċiż, il-wegħda ta' Mikiel Tabone li ħelisha b'miraklu fl-Eġittu, u d-dgħajjes ġejjin bil-moħbi minn Għawdex biex jiżbarkaw bis-serqa ir-refuġjati Maltin fuq ix-xtut tal-Marfa.

**Carmelo Testa.**

